



BANK ĊENTRALI EWROPEW

OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tad-9 ta' Diċembru, 2005

fuq it-talba tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea dwar proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2004/39/KE dwar is-swieq ta' l-istrumenti finanzjarji, fir-rigward ta' ċerti skadenzi

(CON/2005/53)

1. Fl-20 ta' Ottubru 2005, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mingħand il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea għal opinjoni dwar proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2004/39/KE dwar is-swieq ta' l-istrumenti finanzjarji, fir-rigward ta' ċerti skadenzi¹ (minn issa 'l quddiem 'id-Direttiva proposta').
2. Il-kompetenza tal-BĊE li jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 105(4) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, minħabba li d-Direttiva proposta fiha dispożizzjonijiet li għandhom effett fuq l-operat u l-integrazzjoni tas-swieq finanzjarji ta' l-UE, u li possibbilment jistgħu jaffettwaw l-istabbiltà finanzjarja. Skond l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 17.5 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.
3. Il-BĊE jilqa' l-estensjoni ta' l-iskadenza b'sitt xhur, sa Ottubru 2006, sa liema skadenza l-iStati Membri għandhom jittrasponu d-Direttiva 2004/39/KE² f'liġi nazzjonali, kif ukoll jilqa' l-għoti ta' sitt xhur addizzjonali wara t-traspożizzjoni għall-applikazzjoni effettiva tad-Direttiva 2004/39/KE, passi li kemm l-iStati Membri kif ukoll id-ditti ta' l-investiment ħassew il-ħtieġa tagħhom. Barra minn hekk, il-BĊE jifhem li fil-preżent, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew qegħdin jikkunsidraw għandhomx jestendu l-iskadenzi bi tliet xhur oħra għal disa' xhur. Il-BĊE ma jkollu l-ebda oġġezzjoni għal estensjoni bħal din.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fid-9 ta' Diċembru, 2005.

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET

¹ (COM(2005) 253 finali).

² Id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April, 2004, dwar is-swieq ta' l-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tirrevoka d-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE (ĠU L 145, 30.4.2004, pġ. 1).